---

23 ta' Mejju, 1947.

Imħallef:

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Emmanuele Farrugia et. *versus* Giovanni Camilleri et.

**Lokazzjoni — Żgumbrament — Preżenza tad-Detentur fil-Kawża.**

*F'kawża fejn tiġi mitluba l-immissjoni fil-lokazzjoni ta' fond li jinsab okkupat minn ħadd ieħor, li eventwalment ikun irid jiġi żgumbrat minn dak il-fond, ma jistax jiġi diskuss il-meritu tal-kawża jekk ma jkunx fiha preżenti d-detentur tal-fond; u dan indipendentement mill-kwistjoni tal-"buona fede" jew "mala fede" ta 'dak id-detentur meta daħal fil-fond.*

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-atturi għall-kundanna tal-konvenut Giovanni Camilleri biex jikkonsenja ċ-ċwievet tad-dar numru 48, Żebra Street, Birżebbuġa, u biex il-konvenut l-ieħor Carmelo Bardacchino jiżgombra mill-istess fond, minħabba l-fatt illi d-dar fuq imsemmija hija mikrija lill-atturi; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Gudizz'arja ta' Malta, li quddiemha saret dik it-talba tal-15 ta' April 1947, fejn laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna ta' Carmelo Baldacchino u għalhekk illiberat lil dana mill-osservanza tal-ġudizzju, u ċaħdet it-talba kontra Giovanni Camilleri bir-riżerva favur ta' l-atturi ta'

kwalunkwe dritt lilhom kompetenti skond il-liġi, u ordnat illi l-ispejjeż jitħallsu nofs mill-atturi u nofs mill-konvenut Giovanni Camilleri; wara li kkunsidrat;

Illi l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna hija pruvata per mezz tax-xhieda tal-konvenut Baldacchino, korroborata minn dik tal-konvenut Camilleri u mill-irċevuti, minn fejn jirriżulta illi l-inkwilin ta' dana l-post huwa missieru Francesco Baldacchino; illi in kwantu t-talba hija diretta kontra Giovanni Camilleri, irriżulta mix-xhieda ta' Saveria Polidano, sostanzjalment korroborata mill-istess Camilleri, illi dan kien wegħidha li meta jitbattal il-post jikrihulha bid-£9 fis-sena; illi l-fond ġie mikri lil Francesco Baldacchino; illi ma ġietx pruvata l-ebda kollużjoni frawdolenta bejn Camilleri u Francesco Baldacchino; illi l-pussess tal-fond qiegħed għand il-familja Baldacchino, u għalhekk "melior est conditio possidentis". u għalhekk Baldacchino huwa preferibili; u għalhekk dik it-talba ma tistax isseħħ;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi u ċ-ċitazzjoni tagħhom fejn talbu r-riforma ta' dik is-sentenza, billi jiġi konfermat il-kap li bih Giovanni Camilleri ġie kundannat iħallas nofs l-ispejjeż u tiġi revokata fil-kumplament, u jiġi deċiż skond it-talbiet ta' l-atturi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Fuq l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna; illi Carmelo Baldacchino ġie ċitat in kwantu huwa, skond it-teżi ta' l-atturi, id-detentur tal-post indikat fl-avviż, mentri rriżulta illi dik it-tieni lokazzjoni da parti ta' Giovanni Camilleri saret favur missier Carmelo Baldacchino, cioè Francesco Baldacchino, li mhux parti f'din il-kawża, u għalhekk il-konvenut Carmelo Baldacchino ma għandux il-kapaċità neċessarja, kif inhu mħarrek, biex jikkontesta dan il-ġudizzju;

Tikkunsidra;

Illi la darba l-attwali detentur tal-post mhux parti f'dan il-ġudizzju, mhux possibili illi tiġi diskussa l-istess kawża fil-meritu. Infatti l-appellanti jridu jippruvaw il-"mala fede" ta' dan Francesco Baldacchino li effettivament daħal fil-post; iżda apparti kwalunkwe kwistjoni jekk il-"buona fede" għand-

hiex x'taqsam f'dan il-każ, f'azzjoni bħal din, għalkemm hemm xi sentenzi li jsemmu din il-"*buona fede*" (ara Pacifici Mazzoni, Delle Locazioni, no. 34) u Laurent (Diritto Civile, Vol. XXV, nru. 128, p. 102), huwa però fatt illi l-preżenza ta' l-inkwilin li ħa pussess materjali mill-post hija essenzjali; u għalhekk anki di fronti għall-konvenut Giovanni Camilleri l-kwistjoni għandha tibqa' impreġudikata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-appell ta' l-atturi in kwantu dirett kontra l-konvenut Carmelo Baldacchino, bl-ispejjeż relativi kontra l-atturi;

Tilqa' l-appell ta' l-atturi fis-sens li tillibera anki mill-osservanza tal-ġudizzju lill-konvenut Giovanni Camilleri; u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti; l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jibqgħu kif ġew regolati mill-Ewwel Qorti; l-ispejjeż ta' dan l-appell in kwantu dirett kontra Giovanni Camilleri jkunu mingħajr taxxa, id-dritt tar-reġistru jitħallas mill-atturi appellanti.